# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Numru 1366

KAZ NRU. 1533

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Dragonara Casino Ltd

u

General Workers' Union

rigward nuqqas ta' ftehim dwar diversi punti

Illum 28 ta' Novembru, 2002.

**Chairman : Is-sur Maurice Petrocochino**

**Membri: Is-Sjra Antoinette Caruana**
**Is-sur Frans Coleiro**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata t-8 ta Mejju, 2001 b'referenza MSP/2/97/39 – 592/01.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha dwar l-ewwel tilwima il-kumpanija sostniet li l-interpretazzjoni taghha tas-*side letter* datata 14 ta' Dicembru, 1998 kienet korretta.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha il-General Workers' Union sostniet li l-ftehim kien li s-*service charge* kellha tigi nkorporata fis-salarju tal-impjegati fil-*Food & Beverage Section* u li ma kinitx taqbel li dan tqassam individwali u mhux kollettiv.

Jinghad mill-bidu li l-obbligu tat-Tribunal huwa limitat biex jghid liema, miz-zewg interpretazzjonijiet tal-partijiet hija dik, li skond il-ftehim, ghandha tigi implimentata u ma ghandux jidhol jara jekk il-ftehim kienx gust jew jekk kienx jiffavorixxi xi parti aktar minn ohra.

Jidher li n-negozjati kienu kumplikati u anke shan, b' tlett Unions jiehdu parti minn naha wahda u minn naha l-ohra l-kumpanija, organizzazzjoni parastatali u anke Segretarju Parlamentari, b'rizultat li hemm certa konfuzjoni bejn il-partijiet.

Dan johrog, fost affarijet ohra:-

A. minn naha tal-Union:-

i) Fid-dikjarazzjoni tal-kaz il-Union qalet li s-*side letter* kienet tfisser li t-tqassim kellu jsir individuali u mhux kollettiv; fis-seduta tat-30 ta' Ottubru ikkjarifikat li skond il-ftehim il-*waiters* u l-koki kellhom jaqsmu bejnithom is-*service charge* ugwalment, tal *bar* kellhom jaqsmu s-*service charge* ugwalment u l-*cleaners* u kaxxiera ma kellhom jiehdu xejn.

ii) Fit-tielet seduta l-Union qablet mal-kumpanija fuq il-*points* li kellhom jitqassmu hlief fuq in-nofs punt ta' Cardona/Brincat li kien qed jigi deciz minn Tribunal iehor.

B. Mill-kumpanija:-

i) Qalet li hadmet skond il-ftehim

ii) Fl-*Appendix* 1 tal-Ftehim Kollettiv datat l-14 ta' Dicembru kien gie dikjarat li s-*service charge* "*will be paid pro rata to current distribution to all participants*" pero' meta ma sarx qbil (forsi fuq dan il-punt u forsi fuq xi haga ohra) saret *side letter* fil-5 ta' Frar fejn il-kliem tbiddlu pero' reghat ntuzat il-kelma "*participants*" u mhux "impjegati tal-*Food & Beverage*".

Hawn ghandu jinghad li kull parti ghandha terfa r-responsabbilta' ghan-nuqqas ta' attenzjoni f'bidla li saret f'perjodu tassew qasir.

Punt incidentali li tqajjem kien il-fatt li fil-Ftehim Kollettiv li kien gie approvat kien hemm l-inizzjali ta' min kien qed jippartecipa u l-kumpanija ghamlet enfasi fuq dan il-fatt. Il-parti l-ohra sostniet pero' li l-pagni kollha tal-ftehim kienu bdew jigu inizjalati ghax kien deher li kien sar ftehim pero' fl-ahhar minuta nqala ntopp u kollox waqaf; saru diskussjonijiet, ntlahaq ftehim, zdiedu *side letters* inkluza wahda li immodifikat b'xi mod, x'kellu jsir bis-*service charge*.

It-Tribunal qabel unanimament li dawk l-inizzjali ma kienux jirrendu vinkolanti dak li kien miktub dwar is-*service charge* ghaliex kellha titqies biss is-*side letter* u li bil-bidla tal-kliem kien intefa dawl x'kellu jsir.

Jinghad wkoll li l-hlas tas-*service charge* fis-sena 1998 kien isir kull xhar, li ma kienet nqalat ebda tilwima kif kien qed jitqassam u ghalhekk ma tistax titqajjem wahda issa biex jsir xi tibdil f'dak li sar fis-sena 1998.

Minn naha l-ohra, fl-ghagla li tidher li kien hemm fit-13 u/jew 14 ta' Dicembru hadd ma insista fuq tibdil li llum qed jinghad, li kienet l-intenzjoni u saret *side letter* u regghat ntuzat il-kelma "*participants*" li kien hemm originalment u ma dahlux il-kliem "impjegati tal-*Food & Beverage*" li llum qed jigi sostnut li kienet l-intenzjoni.

Jidher ukoll li kien hemm zmien meta l-impjegati kienu jiddecidu min kellu jippartecipa u min le, pero' zmien ilu s-sistema tbiddlet u t-tqassim kien isir mill-kumpanija ghalkemm, allegatament, ma kienet tinghata ebda spjegazzjoni kif kienet tinhadem.

Irrizulta wkoll li meta partecipant kien qed jigi assistit minn nies ohra, hu kien jaghti bicca minn sehemu lil min kien jghinu pero' meta il-Union talbet li l-hlas jsir direttament biex il-partecipant jhallas l-*income tax* fuq il parti tieghu biss, il-kumpanija hekk ghamlet u allura min kien qed jassisti sar partecipant. Fuq dan il-porzjon dovut fis-sena 1998 saret tilwima quddiem Tribunal Industrijali iehor izda dan it-Tribunal kien unanimu li ma kellux jidhol f'dak il-kamp.

It-Tribunal ihoss li s-sistema li kien hemm dak iz-zmien hija gusta ghax kull min jaghti servizz biex il-klijent jigi ccargjat *service charge* kellu jippartecipa. Dan ghaliex *service charge* mhux "*tip*" volontarju imma imposizzjoni mill-*management* fuq il-klient.

Fis-sottomissjoni finali l-General Workers' Union sostniet (a) li s-*service charge* normalment jinqassam ugwalment bejn l-impjegati li jkunu jahdmu attwalment fil-post tax-xoghol u (b) li l-ftehim kien li s-*service charge* jitqassam bejn il-partecipanti kollha u li l-impjegati li kienu hemm fis-sena 1999 jiehdu "l-*average*" bhal zieda fil-paga – pero' dejjem lil min kien suppost jippartecipa u lil min jahdem fil-*Food & Beverage* u mhux lil min kien jiehu qabel.

Il-kumpanija sostniet, fil-para. 4.2. li hi osservat li ftehim u irrevediet il-pagi tal-partecipanti kollha bil-medja tal-istess ammont li kull wiehed kien ha matul is-sena 1998.

It-Tribunal, ghalkemm mhux unanimu, jhoss li l-interpretazzjoni normali hija dik li kull min jaghti xi servizz ghandu jippartecipa; (kif anke qablet il-General Workers' Union fin-normalita) u hu konvint, mill-bidla li saret bis-*side letter* u bil-mod kif giet miktuba li ma kinitx tqammet xi eccezzjoni u ghalhekk in-normal kellu jibqa jsehh. Dan ghaliex *service charge* mhux *tip* volontarju imma imposizzjoni mill-*management* fuq il-klient.

Jerga jinghad hawn li kullhadd irid joqghod ghall dak li ffirma.

Kumplikazzjoni ohra harget mill-fatt li s-sur Bugeja rtira f'Marzu 1998 u s-Sur Psaila rtira f'Dicembru u il-General Workers' Union qeda isostni li s-*side letter* tfisser li l-ammont kollu (anke li ircevew Psaila u Bugeja) li ngabar u tqassam fis-sena 1998 ghandu jinqasam bejn dawk li baqaw fis-sena 1999 u li t-tqassim jsir biss lill-*waiters*, koki u tal-*bar* waqt li l-ohrajn li kienu jiehdu issa ma jiehdu xejn.

Wara li ezamina id-dokumenti esibiti u x-xhieda li nghatat it-Tribunal ma jaqbilx li "*all the participants of the Food & Beverage service charge*" imsemmija fis-*side letter* kienet tfisser l-eskluzjoni ta' nies li kienu jippartecipaw; lanqas ma jaqbel li peress li rtiraw xi nies, il-medja tal-ohrajn li baqaw kellha tizdied peress li fis-sena 1999 is-somma kellha tinqassam bejn numru izghar ta' nies ghaliex in-normalita ma tinkludiex ghazla ta' nies li jeskludu lill-nies ohra biex sehemhom jizdied.

Ghalhekk ghalkemm mhux unanimu:-

1) Jiddeciedi li z-zieda fil-paga kellha tigi applikata lil kull min kien jippartecipa fit-tqassim fis-sena 1998 basta li kien ghadu jahdem fi Frar, 1999.

2) Dwar G. Psaila jinghad li peress li irtira f'Dicembru, 1998, hu ma kellu jiehu ebda zieda pero' l-irtirar tieghu ma kellu jaghti ebda vantagg lil dawk li baqaw jahdmu.

B'hekk tintemm l-ewwel parti minn din it-Tilwima.

(Iffirmat) Maurice Petrocochino
Chairman

(Iffirmat) Antoinette Caruana
Membru

# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Kaz Nru. 1533

**Rapport ta' Minorita' – Minn France Coleiro**

Tqassim ta' *Service Charge*

1. Wiehed ghandu jifhem li *Service Charge* dejjem jappartjeni lill-haddiema ghax huma qed jahdmu ghalih. Ghalkemm migbur mill-Kumpanija, hija fir-responsabbilta' taghha li dan jinqasam fuq dawk il-haddiema li jkunu jaghtu servizz dirett f'dak id-dipartiment li minnu jkun qed jingabar is-*Service Charge*.

2. Il-kaz li ghandna quddiemna hu, li dan is-*Service Charge* bi ftehim mal-Union/haddiema, jispicca mis-sistema tat-tqassim kif inhu llum, jizdied dirett mal-paga.

3. Il-kumpanija pproponiet skema li s-*Service Charge* migbur fl-1998 jinqassam bejn il-partecipanti kollha ta' dik is-sena u l-impjegati li jkun hemm jahdmu fid-dipartiment, fl-1999 jiehdu l-*average* ta' dak migbur fl-1998.

4. Ikun gust jekk is-*Service Charge* "kollu" migbur fl-1998 jinhadem fuq l-*average*, imma jinqasam bejn il-haddiema "biss" li kienu jahdmu fid-dipartiment tal-*Food & Beverage*, minfejn jingabar is-*Service Charge*. Mhux gust li dawk il-haddiema li ma kienux jaghtu servizz fil-*Food & Beverage* jiehdu minn sehem il-haddiema li, bis-sahha taghhom jingabar is-*Service Charge*.

5. Mhux gust lanqas li haddiema li kienu jiehdu parti mis-*Service Charge* ghax kienu fi grad li, fl-1999 ma baqax jezisti u dawn jinhadem l-*average* taghhom u jiehdu dan is-sehem minn ta' haddiema ohra.

6. Punt iehor li ma naqbilx mieghu hu li, meta haddiem minn dan id-dipartiment spicca kmieni fl-1998 u iehor li spicca fl-ahhar xhur ta' l-1998, jidhlu wkoll fis-sistema ta' l-*average* ta' l-ammont ta' l-1998.

7. Waqt ix-xhieda hareg car li dawn l-erba' haddiema msemmija dahhalhom minn jeddu, il-persuna li hadmet l-*average*. Ma kienetx gusta din id-decizjoni unilaterali, li biha naqas l-ammont tas-somma mahduma fuq l-impjegati li kienu huma biss li baqghu jaghtu s-servizz lid-dipartiment.

8. Argument li ghandu jinghata konsiderazzjoni tieghu hu meta l-Kumpanija qalet li l-Union fehmet hazin il-kliem tas-*side letter*. Rapprezentanti ta' union ohra li kienu parti mill-ftehim, ukoll fehmu l-istess haga. Allura r-rapprezentant tal-kumpanija biss fehem il-kliem sewwa?

9. Ghalhekk niddikjara li ghandha tigi milquha t-talba tal-G.W.U. f'isem il-haddiema tal-*Food & Beverage*, u dak li hu gust tal-haddiem m'ghandu jmissulu hadd.

10. Id-decizjoni tieghi hi li l-ammont "kollu" tas-*Service Charge*, kif migbur fl-1998, ghandu jinqasam bejn l-impjegati "biss" li kienu fil-*Food & Beverage* fl-1999 li jeskludi lil *Cleaner*, *Junior Clerks*, Bugeja u Psaila.

(Iffirmat) FRANCE COLEIRO
MEMBRU

Kaz 1533 Decizjoni Numru 1566. Illum 28 ta' Novembru, 2002.

Dan il kaz gie riferut lit Tribunal Industrijali mill Onor Vici Prim Ministru u Ministry ghall Politika Socjali b'ittra datata 8 ta Mejju, 2001 b'riferenza MSP/2/97/39 - 592/01.

Fid Dikjarazzjoni tal Kaz taghha dwar l-ewwel tilwima il-kumpanija sostniet li l-interpretazzjoni taghha tas side letter datata 14 ta Dicembru, 1998 kienet korretta.

Fid Dikjarazzjoni tal Kaz taghha il General Workers Union sostniet li l-ftehim kien li s-service charge kellha tigi nkorporata fis salarju tal impjegati fl F & B Section u li ma kenitx taqbel li dan tqassam individwali u mhux kollettiv.

Jinghad mill bidu li l-obbligu tat Tribunal huwa limitat biex jghid liema, miz zewg interpretazzjonijiet tal partijiet hija dik, li skond il ftehim, ghandha tigi implimentata u ma ghandux jidhol jara jekk il ftehim kienx gust jew jekk kienx jiffavorixxi xi parti aktar minn ohra

.

Jidher li n-negozjati kienu kumplikati u anke shan, b'tlett Unions jiehdu parti minn naha wahda u minn naha l-ohra l-kumpanija, organizzazzjoni parastatali u anke Segretarju Parlamentari, b'rizultat li hemm certa konfuzjoni bejn il partijiet.

Dan johrog, fost affarijiet ohra:-
A Minn naha tal Union:-

i) Fid Dikjarazzjoni tal Kaz il-Union qalet li s-side letter kienet tfisser li t-tqassim kellu jsir indiivdwali u mhux kollettiv; fis seduta tat 30 ta Ottubru ikkjarifikat li skond il ftehim il waiters u l-koki kellhom jaqsmu bejnithom is service charge ugwalment, tal bar kellhom jaqsmu is service charge ugwalment u l-cleaners u kaxxiera ma kellhom jiehdu xejn .

ii) Fit Tielet seduta l-Union qablet mal kumpanija fuq il points li kellhom jitqassmu hlief fuq in nofs punt ta Cardona/Brincat li kien qed jigi deciz minn Tribunal iehor.

B.Mill kumpanija:-

i) Qalet li hadmet skond il ftehim
ii) Fl Appendix 1 tal Ftehim Kollettiv datat 14 ta Dicembru kien gie dikjarat li s service charge "will be paid pro rata to current distribution to all participants" pero meta ma sarx qbil (forsi fuq dan il punt u forsi fuq xi haga ohra) saret side letter fil 5 ta Frar fejn il kliem tbiddlu pero ragat ntuzat il kelma "participants" u mhux "impjegati tal F & B".

Hawn ghandu jinghad li kull parti ghandha terfa r-responsabbilta ghan nuqqas ta attenzjoni f'bidla li saret f'perijodu tassew qasir.

Punt incidentali li tqajjem kien il fatt li fil Ftehim Kollettiv li kien gie approvat kien hemm l-inizzjali ta min kien qed jippartecipa u l-kumpanija ghamlet enfasi fuq dan il fatt. Il parti l-ohra sostniet pero li l-pagni kollha tal ftehim kienu bdew jigu inizjaljati ghax kien deher li kien sar ftehim pero fl-ahhar minuta nqala ntopp u kollox waqaf; saru diskussjonijiet, ntlahaq ftehim, zdiedu side letters inkluza wahda li immodifikat b'xi mod, x'kellu jsir bis service charge.

It Tribunal qabel unanimament li dawk l-inizzjali ma kienux jirrendu vinkolanti dak li kien miktub dwar is service charge ghaliex kellha titqies biss is-side letter u li bil bidla tal kliem kien ntefa dawl x'kellu jsir.

Jinghad ukoll li l-hlas tas service charge fis sena 1998 kien isir kull xhar, li ma kienet nqalat ebda tilwima kif kien qed jitqassam u ghalhekk ma tistax titqajjem wahda issa biex jsir xi tibdil f'dak li sar fis sena 1998.

Minn naha l-ohra, fl-ghaqgla li tidher li kien hemm fit 13 u/jew 14 ta Dicembru hadd ma insista fuq tibdil li llum qed jinghad, li kienet l-intenzjoni u saret side letter u ragat ntuzat il kelma "participants" li kien hemm originalment u ma dahlux il kliem "impjegati tal F & B" li illum qed jigi sostnut li kienet l-intenzjoni.

Jidher ukoll li kien hemm zmien meta l-impjegati kienu jiddecidu min kellu jippartecipa u min le, pero zmien ilu is-sistema tbiddlet u t-tqassim kien isir mill kumpanija ghalkemm, allegatament, ma kienet tinghata ebda spjegazzjoni kif kienet tinhadem.

Irrizulta wkoll li meta partecipant kien qed jigi assistit minn nies ohra, hu kien jaghti bicca minn sehemu lill min kien jghinu pero meta il Union talbet li l-hlas jsir direttament biex il partecipant jhallas l-income tax fuq il parti tieghu biss, il kumpanija hekk ghamlet u allura min kien qed jassisti sar partecipant. Fuq dan il porzjoni dovut fis sena 1998 saret tilwima quddiem Tribunal Industrijali iehor izda dan it-Tribunal kien unanimu li ma kellux jidhol f'dak il kamp.

It Tribunal ihoss li s-sistema li kien hemm dak iz zmien hija gusta ghax kull min jaghti servizz biex il klient jigi ccargjat service charge kellu jippartecipa. Dan ghaliex service charge mhux "tip" volontarju imma imposizzjoni mill management fuq il klient'

Fis sottomissjoni finali il General Workers Union sostniet (a) li service charge normalment jinqasam ugwalment bejn l-impjegati li jkunu jahdmu attwalment fil post tax xoghol u (b) li l-ftehim kien li s service charge jitqassam bejn il partecipanti kollha u li l-impjegati li kienu hemm fis sena 1999 jiehdu "l-average" bhal zieda fil paga - pero dejjem lil min kien suppost jippartecipa u lill min jahdem fl F & B u mhux lill min kien jiehu qabel.

Il kumpanija sostniet, fil para. 4.2. li hi osservat il ftehim u irrevediet il paghi tal partecipanti kollha bil medja tal istess ammont li kull wiehed kien ha matul is sena 1998.

It-Tribunal, ghalkemm mhux unanimu, jhoss li l-interpretazzjoni normali hija dik li kull min jaghti xi servizz ghandu jippartecipa;(kif anke qablet il General Workers Union fin normalita) u hu konvint, mill bidla li saret bis side ltter u bil mod kif giet miktuba li ma kenitx tqajmet xi eccezzjoni u ghalhekk in-normal kellu jibqa jsehh. Dan ghaliex service charge mhux tip volontarju imma imposizzjoni mill management fuq il klient.

Jerga jinghad hawn li kullhadd irid joqod ghall dak li ffirma.

Kumplikazzjoni ohra harget mill fatt li s-Sur Bugeja rtira f'Marzu 1998 u s-Sur Psaila rtira f'Dicembru u il General Workers Union qeda isostni li s-side letter tfisser li l-ammont kollu (anke li ircevew Psaila u Bugeja) li ngabar u tqassam fis sena 1998 ghandu jinqasam bejn dawk li baqaw fis sena 1999 u li t-qassim jsir biss lill waiters, koki u tal bar waqt li l-ohrajn li kienu jiehdu issa ma jiehdu xejn.

Wara li ezamina id dokumenti ezibiti u x-xhieda li nghatat it Tribunal ma jaqbilx li "all the participants of the F & B service charge" imsemmija fis side letter kienet tfisser l-eskluzjoni ta nies ki kienu jippartecipaw; lanqas ma jaqbel li peress li rtiraw xi nies, il medja tal ohrajn li baqaw kellha tizdied peress li fis sena 1999 is-somma kella tinqasam bejn numru izghar ta nies ghaliex in normalita ma tinkludiex ghazla ta nies li jeskludu lill nies ohra biex sehemhom jizdied.

Ghalhekk ghalkemm mhux unanimu:-

1) Jiddecidi li z-zieda fil paga kellha tigi applikata lill kull min kien jippartecipa fit tqassim fis sena 1998 basta li kien ghadu jahdem fi Frar, 1999.

2) Dwar G. Psaila jinghad li peress li irtira f'Dicembru, 1998, hu ma kellu jiehu ebda zieda pero l-irtit tieghu ma kellu jghti ebda vantagg lill dawk li baqaw jahdmu.

B'hekk tintemm l-ewwel parti minn din it tilwima

# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Kaz Nru. 1533

*RAPPORT TA' MINORITA' – minn France Coleiro*

Tqassim ta' Service Charge

1. Wiehed ghandu jifhem li Service Charge dejjem jappartjeni lill-haddiema ghax huma qed jahdmu ghalih. Ghalkemm migbur mill-Kumpanija, hija fir-responsabbilta' taghha li dan jinqasam fuq dawk il-haddiema li jkunu jaghtu servizz dirett f'dak id-dipartiment li minnu jkun qed jingabar is-Service Charge.

2. Il-kaz li ghandna quddiemna hu, li dan is-Service Charge bi ftehim mal-Union/haddiema, jispicca mis-sistema tat-tqassim kif inhu llum, jizdied dirett mal-paga.

3. Il-Kumpanija pproponiet skema li s-Service Charge migbur fl-1998 jinqasam bejn il-partecipanti kollha ta' dik is-sena u l-impjegati li jkun hemm jahdmu fid-dipartiment, fl-1999 jiehdu l-average ta' dak migbur fl-1998.

4. Ikun gust jekk is-Service Charge "kollu" migbur fl-1998 jinhadem fuq l-average, imma jinqasam bejn il-haddiema "biss" li kienu jahdmu fid-dipartiment tal-F&B, minfejn jingabar is-Service Charge. Mhux gust li dawk il-haddiema li ma kienux jaghtu servizz fil-F&B jiehdu minn sehem il-haddiema li, bis-sahha taghhom jingabar is-Service Charge.

5. Mhux gust lanqas li haddiema li kienu jiehdu parti mis-Service Charge ghax kienu fi grad li, fl-1999 ma baqax jezisti u dawn jinhadem l-average taghhom u jiehdu dan is-sehem minn ta' haddiema ohra.

6. Punt iehor li ma naqbilx mieghu hu li, meta haddiem minn dan id-dipartiment spicca kmieni fl-1998 u iehor li spicca fl-ahhar xhur ta' l-1998, jidhlu wkoll fis-sistema ta' l-average ta' l-ammont ta' l-1998.